MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Numru. 521/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Ludvik Scerri**

Illum, 18 ta’ Gunju, 2010

Kumpilazzjoni Numru: 521/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ludvik Scerri, ta’ 36 sena, iben Michael u Mary nee’ De Carlo, imwieled Pieta nhar is-17 ta’ Frar, 1974 u residenti fil-fond Glenroy, Triq Albert Mayr San Giljan u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 134974M.

Akkuzat talli fl-10 ta’ Mejju, 2010 ghal habta tal-ghaxra ta’ filghodu (10:00hrs), gewwa 336, St John Flats, Flat 5, Triq in-Naxxar, Birkirkara;

1 Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Charmaine Pisani;

2 Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija Charmaine Pisani kontra l-volonta’ taghha u dan bhala mezz biex tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

Aktar talli fl-10 ta’ Mejju 2010 u fix-xhur ta’ qabel, gewwa Birkirkara u fi bnadi ohra f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’ rizoluzzjoni wahda;

3 Bl-imgieba tieghu kkaguna lil Charmaine Pisani, biza’ li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza’;

4 Gab ruhu b’ tali mod li ta fastidju lil persuna ta’ Charmaine Pisani b’ mod li kien jaf jew kien missu kien jaf jew kien missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuna ta’ Charmaine Pisani u/jew persuni ohra;

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kkommetta reat, wara sentenza li saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, jipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmija Charmaine Pisani l-familja taghha u persuni ohra u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F’ kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni nvoluti u l-familja taghhom ai termini ta’ l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 86. 87(1)(g), 198, 251A, u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet lill-parte civile Charmaine Pisani, b’gurament, titlob li l-proceduri jitwaqqfu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-ewwel wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi wara li l-parte civile Charmaine Zammit, b’gurament, talbet lil-Qorti biex il-proceduri jitwaqqfu u l-Qorti wara li rat l-artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta laqghet din it-talba u ddikjarat il-procediment ezawriet fir-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra c-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-koperazzjoni ta’l-imputat, l-ammissjoni tieghu f’laktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fedina penali li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fil-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 86. 87(1)(g), 251A, u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta'probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mghoti kontestwalment. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412C il-Qorti biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Charmaine Pisani qed tohrog kontra l-imputat ordni ta' protezzjoni ghal perjodu ta' tlett snin li permezz tieghu huwa projbit milli b'kwalunkwe mod iddejjaq u/jew jimmolesta lill-imsemmija Charmaine Pisani.

Il-Qorti spejgat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju ta' Probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna li isem l-parte civile ma jixxandar f'l-ebda mezz ta' stampa u/jew komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------